# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 139/2021JPG**

**Kawza Numru :  20**

**MF**

**vs**

**MAF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MF, datat 8 t'April 2021, a fol 1 et seqq tal-proċess, fejn ipremetta s-segwenti:

*Illi l-kontendenti zzewwgu nhar id-dsatax (19) ta' Gunju elf disgha mija u disghin (1999) (Dok C);*

*Illi l-kontendenti ssepparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr Matthew Nicholas Borg datat erbatax (14[1]) ta' Dicembru elfejn u hmistax (2015) Dok A;*

*Illi t-tfal li twieldu minn dana z-zwieg, illum huma wiehed huwa maggorenni u t-tifla ghandha tnax (12) -il sena;*

*Illi ma hemm l-ebda pendenza ta' manteniment bejn il-kontendenti;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli illi ikun hemm rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti, stante illi apparti li ilhom diversi snin jghixu separatament ghal aktar*

[1] U mhux 7 ta' Dicembru 2015, hekk kif indikat fir-rikors promotur.

*minn sitt (6) snin, u presenzjalment it-tnejn ghandhom il-hajja separata taghhom;*

*Illi l-fatti su riportati jissodisfaw ir-rekwisiti ghall-ottjeniment tal-hall miz-zwieg a tenur ta' artikolu 66A et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

***Ghaldaqstant** l-esponenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:*

*a) Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti;*
*b) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien kontemplat jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbbliku bid-digriet tad-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda moghtija bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-noti ta' MF (vide fol 16) u ta' MAF (vide fol 20) fejn iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u ghalhekk stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66C u 66 D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MF xehed** (vide fol 17) li l-kontendenti zzewgu nhar id-19 ta' Gunju 1999 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum wahda maggorenni u ohra minorenni. Isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min Nutar Dottor Matthew Nicholas Borg datat 14 ta' Dicembru 2015. Iddikjara li ilhom seba' snin ma jghixux flimkien u li rrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin. Jghid ukoll li l-manteniment tat-tfal dejjem thallas regolarment u qatt ma kien hemm problemi peress li dan jinqata' direttament mill-paga tieghu. Jghid ukoll li llum il-kontendenti ghandhom hajja separata minn xulxin u li ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikoncilazzjoni.

**MAF xehdet** (vide fol 21) u kkorroborat ma dak li qal zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu***

***57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-19 ta' Gunju 1999, liema zwieg jgib c-certifikat numru 982/1999 (vide Dok C, certifikat taz-zwieg, a fol 3); u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ibniet, wahda maggorenni u -ohra minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar l-14 ta' Dicembru 2015 fl-atti tan-Nutar Dottor Matthew Nicholas Borg (vide Dok A, a fol 4 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati ghal terminu ta'zmien li jeccedi dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 982/1999 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**